# I l-mitħna ta' Ganu u Gabriel Caruana

**MINN SILVANO AZZOPARDI**




**Mappa antika li turi l-mitħna ta' Ganu**

"Iżda x'ifissru dawk il-ħafna sinjali u tiċpis ta' żebgħa?" Hekk kont nistaqsi bejni u bejn ruħi meta kont ngħaddi bil-karozza minn quddiem il-mitħna ta' Ganu. Ftit ilu iddeċidejt li nipprova naqta' xi ftit il-kurżità u mort s'hemm. Laqagħni Gabriel Caruana, l-artist magħruf li minn erba' snin ilu beda jieħu ħsieb il-mitħna, u anke jorganizza l-wirjiet fiha. Gabriel, li joqgħod fil-parroċċa tagħna, malajr offrieli ftit kafè u bdejna nitkellmu donna konna ilna nafu 'l xulxin is-snin.

## L-istorja tal-mitħna ta' Ganu

Il-mitħna ta' Ganu inbniet fl-1724, u kienet waħda minn sebgħa oħra li kienu nbnew fi żmien il-Gran Mastru Manuel De Vilhena. L-oħrajn kienu tnejn f'Għawdex, waħda fir-Rabat, fiż-Żurrieq, fiż-Żejtun u fil-Għargħur.

Il-mitħna oriġinarjament kienet b'sular wieħed, bit-torri ċentrali li kien għoli 28 filata 'l fuq mill-bini t'isfel. Minn ġewwa l-mitħna kellha sala kif tidħol, bir, żewġt ikmamar twal bl-arkati fuq iż-żewġ naħat, forn u bitħa. Aktar tard ġie mibni sular ieħor biex tiżdied il-kumdità ta' min kien jużaha jew jieħu ħsiebha.

Huwa magħruf li l-ewwel wieħed li uża l-mitħna kien ċertu Giovanni Fiteni minn Birkirkara.

➡ 21

li kien iħallas 165 skud fis-sena bħala kera. Matul is-snin il-mitħna kienet irranġata diversi drabi, partikularment fis-snin ta' bejn l-1809 u l-1812, fejn ġew importati diversi ġebel taż-żonqor minn Sqallija biex ġie mibdul xi ġebel antik. Hu mifhum li l-mitħna waqfet titħan fl-1929, meta aktarx bdew deħlin f'pajjiżna l-ewwel magni tat-tħin.

## L-imtieħen f'Malta

Għalkemm il-mitħna ta' Ganu għandha 'l fuq minn 250 sena, l-użu ta' l-imtieħen tar-riħ imur lura għas-seklu 16, jiġifieri għal żmien il-Kavallieri. Hemm min jgħid li kienu l-Kavallieri li daħlu din is-sistema interessanti ta' kif wieħed jista' jitħan il-qamħ billi juża l-qawwa tar-riħ. L-ewwel imtieħen inbnew fl-Isla.

Il-Kavallier Ġużè Galea fil-ktieb tiegħu 'Malta fl-imgħoddi' qal li fiż-żminijiet ta' qabel il-Kavallieri, il-Maltin aktarx li kienu jġibu l-qamħ mitħun bil-lest minn Sqallija. Mal-miġja tal-Kavallieri inbnew bosta imtieħen tar-riħ



**Il-mitħna ta' Ganu, mibnija fl-1724 mill-Gran Mastru Vilhena**

mal-gżira kollha, iżda speċjalment qrib il-Belt Valletta.

L-istoriku Winston L. Zammit, f'artiklu li kiteb f''Sagħtar' (għadd 104 ta' Mejju 1984) jgħid li sal-1674, il-Gran Mastru Nicola Cottoner (li kien Gran Mastru bejn l-1663 u l-1680) kien diġà bena

➡ 23

**SPARK GARAGE**
**WELDING - PANEL BEATER**
**Prop. JOHN TALIANA**
*264, F.S. Caruana Street, Birkirkara.*
*Telephone: 440543*

erba' mtieħen: tnejn fuq l-għolja ta' Santa Margerita f'Bormla, waħda qrib Ħaż-Żebbuġ, u l-oħra ħdejn il-kunvent tal-Patrijiet tal-Kappuċċini fil-Furjana.

Cottoner kien interessat fl-imtieħen għax huwa kien iqishom bħala mezz tajjeb għall-introjtu ta' flus. B'dawn il-flus Cottoner waqqaf fundazzjoni li permezz tagħha seta jikontribwixxi għall-manteniment tas-suldati stazzjonalti fil-Forti Rikażli. Aktar tard Cottoner bena erba' imtieħen oħra - oħra fil-Furjana, fin-Naxxar, fiż-Żurrieq u oħra f'Ħal-Lija. Wara l-mewt ta' Cottoner, residenti mill-Imqabba u l-Qrendi ġabru petizzjoni biex jinbnew żewġ imtieħen oħra –



**Il-mitħna Ta' Kola fix-Xagħra, Għawdex li ġiet restawrata ftit ilu**

➡ 25




HIGHWAY AUTO DEALER

VALLEY ROAD, BIRKIRKARA

TEL: 441944

waħda fir-Rabat u oħra bejn iż-żewġt irħula. Interessanti huma l-ispejjeż li kienu involuti biex jinbnew dawn iż-żewġ imtieħen – il-bini sewa 500 skud, filwaqt li l-ispiża għall-injam, drapp u ħadid għall-qlugħ telgħet għal 700 skud.

Mill-imtieħen kollha li nbnew tul iż-żminijiet illum baqa' madwar 24. Hemm irħula li għalkemm l-imtieħen tagħhom m'għadhomx jeżistu, hemm triq imsemmija għall-mitħna. Din hija indikazzjoni ċara li f'dak il-lokal xi darba kien hemm mitħna.

Mill-imtieħen kollha li għad fadal, huma waħdiet dawk li għadhom fi stat tajjeb. Fost dawn hemm dik tal-Qala, magħrufa wkoll bħala Ta' Randu, li nbniet madwar mitejn sena ilu, u li għandha l-makkinarju tagħha għadu jaħdem sal-lum. Hemm ukoll dik tax-Xagħra, magħrufa aħjar bħala Ta' Kola, li s-sena li għaddiet ġiet restawrata u infetħet bħala mużew. Hemm ukoll dik magħrufa bħala Tax-Xarolla, fiż-Żurrieq, li però saritilha xi ħsara f'maltempata li saret xi snin ilu, kif ukoll dik ta' Ħal-Lija li reġgħet ġiet inawgurata fl-1992.

### Minn mitħna għal ċentru ta' l-arti

Jekk wieħed imur fil-mitħna ta' Ganu llum, isib kollezzjoni ta' arti li tvarja minn ċeramika, pittura u etchings. Semmejt iċ-ċeramika l-ewwel, għax ma jistax jonqos li



**Gabriel Caruana qed jaħdem fuq biċċa xogħol minn tiegħu imsejħa 'L-Annunzjazzjoni'**

wieħed isemmi lil Gabriel Caruana u ma jsemmix iċ-ċeramika.

Gabriel Caruana twieled fl-1929 f'Ħal Balzan. Huwa studja fl-iskola ta' l-arti u s-snajja ta' Detroit, fl-Istati Uniti, fl-Accademia di Belle Arti ta' Perugia, u anke fl-Istituto Statale per la Ceramica f'Faenza, fl-Italja. Fil-fatt fil-mużew taċ-ċeramika ta' Faenza, Gabriel għandu esebiti tliet xogħlijiet minn tiegħu. Meta wieħed iqis li f'dan il-mużew hemm esebiti xogħlijiet ta' artisti kbar, fosthom Picasso, dan żgur li

➡ 27

hu unur għal Gabriel u anke għal pajjiżna. Huwa għamel bosta wirjiet – madwar 20 waħda – fosthom fl-Isvizzera, fl-Ingilterra, fl-Iskozja u fil-Ġermanja. Is-Sajf li ġej Gabriel ser jieħu sehem f'wirja oħra li ser tinżamm f'Deruta, fl-Italja.

Meta żort il-mitħna, lil Gabriel dlonk staqsejtu jekk kienx sodisfatt bin-numru ta' nies li jmorru jara ix-xogħlijiet esebiti fil-mitħna. "Fil-ħajja wieħed qatt ma jista' jkun sodisfatt, iżda kieku fil-mitħna m'hawn xejn, la jiena u lanqas inti ma konna nkunu hawn," weġibni pront Gabriel. Huwa ikkumenta li jiddispjaċih li aktar barranin milli Maltin iżuru u japprezzaw il-mitħna u li hemm fiha.

Fost ix-xogħlijiet esebiti fil-mitħna hemm dawk tal-Professur Richard England (li hu wkoll il-konsulent artistiku ta' Gabriel), Sina Farrugia, Egon Schneider, Luciano Micallef, Antoine Camilleri, Arthur Dutton, Emilio Vedova, Doritt Schneider u oħrajn.

"Issa li għaddew erba' snin minn meta ftaħt il-mitħna, taħseb li kienet idea tajba Gabriel?" "Iva ... bla dubju," weġibni. "Mhux mil-lat finanzjarju, niftiehmu. Hawnhekk id-dħul hu b'xejn u meta kultant xi viżitatur ikun irid jagħti xi kontribuzzjoni ma naċċettax ... dan hu ċentru kulturali u mhux biex wieħed jagħmel il-flus. Mil-lat kulturali, bla dubju kienet idea tajba."

➡ 29

TA' MIFSUD CONFECTIONERY

FOR WEDDINGS,

ENGAGEMENTS,

PARTIES, ETC.

Bwieraq Street, Birkirkara

Tel: 482937

Prop. J. Mifsud

CENTO PER CENTO ANTIQUES

ANTIQUE, CLASSIC, ARTISTIC AND ORIGINAL GARDEN FURNITURE

84, NAXXAR ROAD, BALZAN
Tel: 482867

Prop. SAVIOUR CHIRCOP (SONNY)

Fl-aħħarnett staqsejt lil Gabriel jekk jaqbilx li l-mitħna jsirulha l-qlugħ, bħalma sar f'dik tax-Xagħra f'Għawdex. Gabriel ma qabilx, għal żewġ raġunijiet. L-ewwelnett, billi l-mitħna qiegħda fi triq ċentrali u traffikuża, jekk jiġri xi inċident u jaqa' xi parti mill-qlugħ jista' jweġġa' xi ħadd jew issir ħafna ħsara, anke lill-mitħna stess. It-tieni raġuni hi li jekk isiru l-qlugħ dawn ikunu finta – xi ħaġa artifiċjali biex iżżejjen. Gabriel anke ikkummenta li l-arkitettura tal-mitħna toħroġ aktar kif inhi bħalissa, mingħajr qlugħ.

Żgur li ma nistax intemm dan l-artiklu mingħajr ma nappella biex kull min għandu għal qalbu l-arti, jasal wasla sal-mitħna ta' Ganu. Id-dħul huwa b'xejn, u l-ħinijiet tal-ftuħ huma mit-Tnejn sas-Sibt, bejn l-10 ta' fil-għodu u nofsinhar u bejn il-5 u s-7 ta' fil-għaxija. ■



Gabriel Caruana ħdejn waħda mix-xogħolijiet tiegħu waqt wirja fil-Ġonna ta' San Anton

## Referenzi

**Il-Mitħna ta' Birkirkara** – artiklu li deher fil-Programm maħruġ mill-Banda Sant'Elena - Festa 1991.

**Artist li joħlom kbir** – Mis-sensiela 'Mill-Qrib' miktuba minn Lawrence Mizzi - Il-Ġens (9.10.1992).

**Patrimonju ta' min jagħti kasu** - artiklu ta' Carmel Attard - Il-Ġens (23.4.1993).